# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## IMĦALLEF
## ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

### Illum l-Erbgħa, 25 ta' Mejju 2016

**Kawża Nru: 8**

**Rikors Ġuramentat Nru: 193 / 13 JA**

**Maria Alfonsina Bartolo**

**-vs-**

1. **Maria Dolores *sive* Doris Fava**
2. **Rose *sive* Rosina Farrugia**
3. **Grace Chircop**
4. **Carmelo (Carmenu) *sive* Nenu Abela**
5. **L-Avukat Renzo Porsella-Flores u l-Prokuratur Legali Peter Paul Sammut li b'digriet tal-25 ta' Marzu 2013 ġew nominati bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Josephine *sive* Ġuża Borg u l-assenti Anthony (Toninu) *sive* Ninu Abela**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors maħluf ippreżentat mill-attriċi fis-26 ta' Frar 2013 fejn ġie premess:

Illi r-rikorrenti hi eredi tad-defunti Gerardo u Rosina (Rose) konjuġi Abela, u pre-legatarja wkoll ta' Gerardo Abela, skont it-testmenti tal-istess defunti, u ċjoe' dak *unica charta* tal-21 ta' Awissu 1984 in atti Nutar Remigio Zammit Pace, u dak tas-26 ta' Lulju 1999 li sar minn Gerardo Abela waħdu in atti Nutar Bartolomeo Micallef. Dawn iż-żewġ testmenti qed jiġu annessi u markati bħala Dokument 'A' u Dokument 'B'. Qed jiġu annessi wkoll iċ-ċertifikati tal-mewt, Dokument 'C' u Dokument 'D', kif ukoll ir-riċerki testamentarji ta' Gerardo u Rosina konjuġi Abela, Dokumenti 'E', 'F', 'G' u 'H'.

Illi l-intimati huma wkoll eredi tad-defunti Gerardo u Rosina konjuġi Abela, u qed jirrifjutaw li jersqu għad-diviżjoni tal-ġid provenjenti mill-eredita' tal-imsemmija defunti. Ir-rikorrenti ma tridx tibqa' aktar in komunjoni mal-intimati u trid li l-ġid formanti l-eredita' tal-imsemmija Gerardo u Rosina konjuġi Abela jiġi diviż skond il-liġi.

Illi wkoll l-intimati qed jirrifjutaw li jimmettu lir-rikorrenti fil-pussess tal-prelegat ta' tlett porzjonijiet art numerati 22, 23 u 24, mill-art magħrufa bħala 'Tas-Silġ', ġewwa Marsaxlokk, liema prelegat ġie hekk imħolli lir-rikorrenti skont it-tieni artikolu tat-testment tad-defunt Gerardo Abela tas-26 ta' Lulju 1999.

Illi l-intimati ġew interpellati biex jersqu għall-qasma tal-eredita' ta' Gerardo u Rosina konjuġi Abela u sabiex jimmettu formalment lir-rikorrenti fil-pussess tal-pre-legati lilha mħollija fl-aħħar testment ta' Gerardo Abela, iżda baqgħu inadempjenti u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Jgħid għalhekk l-intimati għaliex għar-raġunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-kontendenti huma l-uniċi eredi ta' Gerardo u Rosina konjuġi Abela.

2. Tillikwida l-assi konjugali u assi oħrajn ta' Gerardo u Rosina konjuġi Abela.

3. Tiddividi f'żewġ porzjonijiet il-komunjoni tal-akkwisti u assi oħrajn appartenenti lill-Gerardo u Rosina konjuġi Abela, kif likwidati.

4. Tassenja l-beni hekk stabbiliti u likwidati lill-assi partikolari ta' Gerardo Abela u jiġi ddikjarat li l-assi partikolari ta' Gerardo Abela jikkonsistu fil-beni hekk assenjati, u tassenja l-bqija tal-beni hekk stabbiliti u likwidati lill-assi partikolari ta' Rosina Abela u jiġi ddikjarat li l-assi partikolari ta' Rosina Abela jikkonsistu fil-beni hekk assenjati.

5. Tiddividi l-ġid formanti l-wirt ta' Gerardo u Rosina Abela bejn il-kontendenti skond il-kwota li kull wieħed mill-partijiet jiġi ddikjarat li għandu dritt għaliha, u għalhekk tordna d-diviżjoni tal-proprjetá komuni eżistenti bejn il-kontendenti, filwaqt li tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni dwar dak ji hu komodament diviżibbli, u l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kollu li m'huwiex komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.

6. Tiddikjara illi r-rikorrenti hi pre-legatarja ta' Gerardo Abela ta' tlett porzjonijiet art numerati 22, 23 u 24, mill-art magħrufa bħala "Tas-Silġ", ġewwa Marsaxlokk, skont it-tieni artikolu tat-testment tad-defunt Gerardo Abela tas-26 ta' Lulju 1999.

7. Tordna lill-intimati sabiex jimmettu formalment lir-rikorrenti fil-pussess ta' dawn il-pre-legati.

8. Tinnomina nutar sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun u kuratur għall-eventwali kontumaċi.

Bl-ispejjeż komprizi dawk tal-ittra uffiċjali tas-16 ta' Ottubru 2012, kontra l-intimati li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Maria Dolores *sive* Doris Fava ppreżentata fit-22 ta' April 2013 fejn ġie eċċepit:

1. Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuta eċċipjenti huma intempestivi *stante* li l-konvenuta eċċipjenti dejjem wriet id-dispożizzjoni tagħha li ssir id-diviżjoni tal-wirt u kif ukoll li tiġi immessa fil-pussess tal-legat;

2. Illi l-eċċipjenti m'għandha l-ebda oppożizzjoni għal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni mitluba salv dejjem illi jiġu verifikati l-assi in diviżjoni u l-provenjenza tagħhom u salv illi jiġu verifikati l-kwoti rispettivi dovuti lil kull wieħed mill-kontendenti;

3. Illi l-eċċipjenti m'għandha l-ebda oppożizzjoni li l-attriċi tiġi immessa fil-pussess ta' tlett (3) porzjonijiet art numerati 22, 23 u 24 mill-art magħrufa bħala Tas-Silġ, ġewwa Marsaxlokk liema tlett (3) porzjonijiet art ġew imħollija lilha bħala pre-legat minn Gerardo Abela;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti qatt ma opponiet għal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni u għall-immissjoni fil-pussess mitluba mill-attriċi, u kwindi

ma għandha tħallas ebda parti mill-ispejjeż ta' din il-kawża.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi;

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Kuraturi Deputati preżentata minn Dr Renzo Porsella-Flores fl-24 t'April 2013 fejn ġie eċċepit:

Illi filwaqt li huma ma jafux bil-fatti li wasslu għall-kawża, hekk kif l-atturi jgħaddulhom l-indirizzi ta' Ġuża Borg u Ninu Abela – li għalihom inħatru l-esponenti – huma jagħmlu l-almu tagħhom kollu ħalli jaqblu magħhom.

Illi għalhekk jirriservaw id-dritt li jressqu eċċezzjonijiet oħra aktar 'il quddiem.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-Kuraturi Deputati u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Carmelo Abela, Grace Chircop u Rose *sive* Rosina Farrugia preżentata fl-20 ta' Mejju 2013 fejn eċċepew:

1. Illi t-talbiet attriċi fil-konfront tal-konvenuti eċċipjenti huma intempestivi *stante* li l-konvenuti eċċipjenti dejjem urew id-dispożizzjoni tagħhom li ssir id-diviżjoni tal-wirt u kif ukoll li tiġi immessa fil-pussess tal-legat;

2. Illi l-eċċipjenti m'għandhom l-ebda oppożizzjoni għal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni mitluba salv dejjem illi jiġu verifikati l-assi in diviżjoni u l-provenjenza tagħhom

u salv illi jiġu verifikati l-kwoti rispettivi dovuti lil kull wieħed mill-kontendenti;

3. Illi l-eċċipjenti m'għandhom l-ebda oppożizzjoni li l-attriċi tiġi immessa fil-pussess ta' tliet (3) prozjonijiet 22,23, u 24 mill-art magħrufa bħala Tas-Silġ, ġewwa Marsaxlokk, liema tliet (3) porzjonijiet art ġew imħollija lilha bħala pre-legat minn Gerardo Abela;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-eċċipjenti qatt ma opponew għal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni u għall-immissjoni fil-pussess mitluba mill-attriċi, u kwindi ma għandhom iħallsu ebda part mill-ispejjez ta' din il-kawża.

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri permessi mil-liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa ta' Carmelo Abela, Grace Chircop u Rose *sive* Rosina Farrugia u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti kollha tal-kawża nklużi d-dokumenti;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2016 l-kawża tħalliet għas-sentenza għall-25 ta' Mejju 2016.

## Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-premess il-kawża hija waħda ta' diviżjoni. Il-partijiet huma kollha eredi tad-defunti Gerardo u Rosina (Rose) konjuġi Abela. Ir-rikorrenti ma tridx tibqa' in komunjoni mal-intimati u għalhekk talbet lill-Qorti sabiex il-ġid formanti l-eredita' tal-imsemmija Gerardo u Rosina konjuġi Abela jiġi diviż skont il-liġi u *inoltre* hija tingħata l-immissjoni fil-pussess tal-prelegat ta' tlett porzjonijiet art numerati 22, 23 u 24 mill-art magħrufa bħala "Tas-Silġ", ġewwa Marsaxlokk skont it-tieni

artikolu tat-testament tad-defunt Gerardo Abela tas-26 ta' Lulju 1999.

Illi l-intimata Maria Dolores *sive* Doris Fava (fol 53) da parti tagħha ssottomettiet illi hija m'għandha ebda oppożizzjoni għal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenzjazzjoni mitluba. *Inoltre* ma topponix illi r-rikorrenti tiġi immessa fil-pussess ta' tlett porzjonijiet art numerati 22, 23 u 24 mill-art magħrufa bħala "Tas-Silġ", ġewwa Marsaxlokk skont it-tieni artikolu tat-testament tad-defunt Gerardo Abela.

Illi l-Kuratur Deputat Dr Porsella-Flores (fol 8) wieġeb li ma kienx jaf il-fatti u għaldaqstant irriserva d-dritt li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri f'isem l-intimati, Ġuża Borg u Ninu Abela.

Illi l-intimati l-oħra Carmelo Abela, Grace Chircop u Rose *sive* Rosina Farrugia wieġbu illi (fol 59) m'għandhom ebda oppożizzjoni għal-likwidazzjoni, diviżjoni u assenzjazzjoni mitluba. *Inoltre* ma jopponux illi r-rikorrenti tiġi immessa fil-pussess ta' tlett porzjonijiet art numerati 22, 23 u 24 mill-art magħrufa bħala "Tas-Silġ", ġewwa Marsaxlokk skont it-tieni artikolu tat-testament tad-defunt Gerardo Abela.

**Testmenti**

Illi jidher li jeżistu żewġ testmenti rilevanti għad-diviżjoni mertu tal-kawża odjerna. Jiġi rilevat illi bit-tieni testment tas-26 ta' Lulju 1999 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef, id-defunt Geraldo Abela filwaqt li kkonferma u rratifika t-testment *unica charta,* li kien għamel flimkien mal-mejta martu Rosina Abela fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace datat 21 ta' Awissu 1984 żied xi artikoli, li ser jiġu trattati fir-rigward tal-prelegat aktar 'l isfel.

Illi huwa rilevanti illi skont il-Ħames Artikolu tat-testment *unica charta* datat 21 ta' Awissu 1984 (fol 5):

*"Il-Ħames Artikolu*

*It-Testaturi fil-waqt li jħallu l-leġittima biss liż-żewġ uliedhom Pawlu u Leli, jinnominaw u jistitwixxu bħala eredi tagħhom lis-seba' wliedhom l-oħra, u ċjoe' Giusa mart Pawlu Borg, Toninu sive Ninu, Carmenu sive Nenu, Rose sive Sina mart Tony Farrugia, Gracie mart Vincent Chircop, Alfonsina Maria mart Carmelo Bartolo u Doris mart Jimmy Fava f'ishma ndaqs bejniethom bis-sostituzzjoni volgari fid-disa' każi kollha tar-rispettivi wliedhom u ulterjuri dixxendenti u in mankanza ta' dawn bid-dritt tal-akkrexximent bejniethom, u jeżentaw lil uliedhom kollha d-disa' mill-obbligu tal-kollazzjoni u tal-imputazzjoni."*

**A. Proprjetá Immobbli**

**(i) Prelegat**

Illi skont it-testment tas-26 ta' Lulju 1999 fl-atti tan-Nutar Bartolomeo Micallef, id-defunt Geraldo Abela filwaqt li kkonferma u rratifika t-testment *unica charta*, li kien għamel flimkien mal-mejta martu Rosina Abela fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace datat 21 ta' Awissu 1984 żied xi artikoli, u l-artikolu 2 jitkellem dwar il-prelegat:

*"It-testatur, b'titolu ta' prelegat konsegwibbli wara mewtu, jħalli tlett (3) porzjonijiet art, immarkati bħala plots numri tnejn u għoxrin (22), tlieta u għoxrin (23) u erbgħa u għoxrin (24), mill-art magħrufa bħala "Tas-Silġ", ġewwa Marsaxlokk, hekk kif murija fil-pjanta annessa markata dokument 'B', lil Maria Alfonsina Bartolo, mart Carmelo Bartolo, bis-sostituzzjoni volgari, ta' wliedha f'każ ta' premorienza."*

Illi din il-klawsola hija ċara u għandha tiġi applikata u *inoltre* l-Qorti tosserva illi l-kontendenti l-oħra ma jopponux illi r-rikorrenti tiġi immessa fil-pussess tal-proprjetá hawn fuq deskritta.

## (ii) L-Assi Ereditarji l-Oħra

Illi għal dan il-għan fis-seduta tas-27 ta' Jannar, 2014 ġie appuntat bħala perit tekniku, A.I.C. Mario Cassar (fol 160) li rrediġa rapport li ġie ppreżentat fit-13 ta' Mejju 2014 (fol 168). Fl-ewwel lok, huwa rrelata illi l-fondi ma humiex komodament diviżibbli. Il-garaxx, "Katerina garage", li huwa mniffed mal-fond 'The Rose', Triq Dun Gwann Tabone, Zejtun vvalutah bħala valur tas-suq tal-proprjetá liberu u frank jammonta għal €65,000. Filwaqt li l-fond 'The Rose', Triq Dun Gwann Tabone, Żejtun ivvalutah skont l-valur tas-suq tal-proprjetá liberu u frank għal €210,000.

Illi in vista tal-fatt li l-perit tekniku rreleta illi l-fondi mertu tal-każ mhumiex komodament diviżibbli, din il-Qorti tordna li l-istess proprjetajiet fuq indikati, appartenenti lill-kontendenti indiviżament jinbiegħu b'liċitazzjoni bil-parteċipazzjoni wkoll ta' oblaturi estranji, u tordna li r-rikavat mill-bejgħ tal-istess proprjetá (dedotti l-ispejjeż), jiġi diviż bejn il-kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom.

## B. Flus il-Bank

Illi skont ix-xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank, H.S.B.C. Bank Malta plc, Audrey Għigo (fol 156) fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013 il-mejjet Geraldo Abela kellu s-segwenti kontijiet:

(i) Dok 'AG1' – H.S.B.C. Kont Numru 056-000888-050: b'bilanċ ta' €1,231.99 fl-1 ta' Ottubru 2013 (fol 111);

(ii) Dok 'AG2' – H.S.B.C. Kont Numru 056-000888-100: b'*maturity amount* ta' €5,768.88 fit-2 ta' Awissu 2013 (fol 130);

(iii) Dok 'AG3' – H.S.B.C. Kont Numru 056-000888-101: b'*maturity amount* ta' €11,570.78 fil-5 ta' Awissu 2013 (fol 149);

(iv) Dok 'AG4' – H.S.B.C. Kont Numru 564155314: skont rendikont datat 16 ta' Jannar 1997 bilanċ ta' Lm 1,166.22 ekwivalenti għal €2,716.56 (fol 150).

Illi skont ix-xhieda tar-rappreżentanta tal-Bank Audrey Ghigo (fol 156) fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2013 dan l-aħħar kont surreferit, u ċjoe' H.S.B.C. Kont Numru 564155314 ingħalaq fil-5 ta' Awissu 1999. Filwaqt li xehdet li f'isem Rosina Abela ma sabu l-ebda kont.

Illi għalhekk l-ammont globali huwa ta' €21,288.21 li għandu jinqasam fi kwoti ndaqs bejn il-kontendenti.

## DEĊIŻJONI

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi:**

**Illi in vista tal-fatt li l-perit tekniku rrelata illi l-fondi mertu tal-każ mhumiex komodament diviżibbli din il-Qorti tordna li l-istess proprjetajiet fuq indikati, appartenenti lill-kontendenti indiviżament jinbiegħu a bażi tal-prezzijiet fuq imsemmija kif stmati mill-perit tekniku, b'liċitazzjoni bil-parteċipazzjoni wkoll ta' oblaturi estranji, u tordna li r-rikavat mill-bejgħ tal-istess proprjetá dedotti l-ispejjeż, jiġi diviż bejn il-kontendenti fi kwoti ndaqs bejniethom.**

**Tordna li l-kontijiet bankarji kif ġja' ssemma jinqasmu bejn il-kontendenti wkoll fi kwoti ndaqs bejniethom.**

**Tilqa' s-sitt t-talba attriċi u tinnomina lin-Nutar Silvana Borg Caruana biex tippublika l-att relattiv, u lill-Avukat Dottor Gabrielle Buttiġieg bħala kuratur tal-eventwali kontumaċji; il-kuntratt għandu jiġi pubblikat fl-edifiċju tal-Qorti f'jum, ħin u lok iffissat mill-Qorti fuq talba ta' xi ħadd mill-partijiet jew mill-istess Nutar.**

**L-ispejjeż tal-kawża u tal-kuntratt ikunu a kariku tal-partijiet f ishma ndaqs.**

**Moqrija.**

| | |
|---|---|
| **Onor. Joseph Azzopardi LL.D.** | **Mario Debono** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |